

Brussell, 25 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13329/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0330/A(COD)

CODEC 1515
FRONT 284
SIRIS 153
COMIX 483

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-12 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 77(2) u l-Artikolu 79(2) TFUE²³⁴.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2018⁵.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Frar 2019⁶.

¹ 12143/18.

² F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, id-Danimarka mhux qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

³ F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE, ir-Renju Unit mhux qed jiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhux marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

⁴ F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE, l-Irlanda mhux qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

⁵ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 62.

⁶ ĠU C 168, 16.5.2019, p. 74.

4. Fit-18 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu mill-21 sal-24 ta' Ottubru 2019. Ir-rettifika tirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkunu aċċettabbli għall-Kunsill⁷.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova, bil-vot kontra ta' Spanja u tal-Italja, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fid-dokument PE-CONS 33/19, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-Addenda 1 u 2 għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni fl-Addendum 1 għal din in-nota tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali;

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁷ 8498/19.